MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 955/2012

**Avukat Dottor John Bonello fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali tas-socjeta' estera Domus Marmi s.r.l tal-Provincja ta' Ruma, Italja**

**vs**

**Bottega del Marmista Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-24 ta' Settembru 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta Domus Marmi srl hi kreditrici tas-socjeta intimata tl-ammont ta' mija u erbgha u tletin elf, tliet mija u disgha u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€134,359.48), bilanc minn somma akbar, liema somma tirraprezenta prezz ta' irham u merkanzija ohra lis-socjeta esponenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta intimata li da

parti taghha accettat u dan hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala "Dok. A". Qeghdin jigu esibiti wkoll il-fatturi relattivi li jinsabu immarkati "Dok. B" sa "Dok. H";

2. Illi minkejja li kif jirrizulta mill-istess prospett, is-socjeta intimata ghamlet xi pagamenti lill-istanti, l-ahhar pagament akkont li ghamlet u li kien jammonta ghal hamsin elf euro (€50,000) permezz ta' cheque mahrug kontra l-Lombard Bank Malta plc ma giex onorat hekk kif jirrizulta mill-kopja tal-istess cheque annessa u mmarkata "Dok. I";

3. Illi ghalhekk sal-lum is-socjeta konvenuta hi debitrici tal-kostitwenti tal-esponenti fl-ammont ta' €134,359.48, liema dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u li sa fejn jaf l-esponenti, is-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'taghti f'dina l-kawza;

4. Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar 2012 (Dok. J), is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' €134,359.48 liema somma tirraprezenta prezz ta' irham u merkanzija ohra lis-socjeta esponenti bieghet u kkonsenjat lis-socjeta intimata u peress li jirrikorru l-elementi mehtiega sabiex din l-azzjoni tigi postulata taht l-art. 167 et seq. tal-Kap. 12, din il-kawza ghandha tinstema' u tigi trattata bil-procedura sommarja specjali;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti nomine jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-art, 167 et seq. tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u erbgha u tletin elf, tliet mija u disgha u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€134,359.48) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' irham u merkanzija ohra;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar 2012 (Dok. J), tal-Mandat ta' Sekwestru Numru: 1305/2012 u tal-Mandat ta' Qbid Numru: 1316/2012 kollha fl-istess ismijiet, u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hi ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta ippresentata fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tad-19 ta' Novembru 2012.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta fil-vesti taghha kif imharrka thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u erbgha u tletin elf, tliet mija u disgha u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€134,359.48) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' irham u merkanzija ohra, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------